**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Sitta (6)

## It-Tlieta, 5 ta' Novembru, 2019

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-5:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI:**

Ħadd

**SKUŻATI:**

| | |
|---|---|
| Matthias Mercieca | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**06.1**. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Il-Kunsill Lokali skuża lill-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Matthias Mercieca li ma setax jattendi minħabba mpenji oħra.

**06.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tal-ħames (5) laqgħa tal-1, ta' Ottubru 2019 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

**06.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku spjega li daħlu fil-kontijiet €11,000 tal-iskema tal-MGOZ tal-Karnival, u €3,500 mingħand Delicata tal-Wine Festival. Huwa spjega wkoll li l' quddiem nirċievu parti mil-kont tal-WSC ta' Triq Żrajk u sa issa għadna nistennew l-isponsors tad-DLG u GSD għall-Karnival. Huwa qal li l-breakdown tal-Wine Festival irid jistenna li jidħlu l-kontijiet kollha. Huwa spjega li rnexxielna noħorġu €30,000 għal kont mal-Bank Ċentrali bħala 10% tal-Miżura 4.3 tar-Rural Roads, u dan mingħajr tbatija peress li konna faddalna. Bħalissa qed jingħalqu l-kontijiet tal-Miżura u l-quddiem se jinħadmu l-variations u ser naraw jekk il-Gvern jistax jgħin f'dawn il-kontijiet.

Is-Sindku imbagħad ta' spjegazzjoni dettaljata tal-qagħda finanzjarja fil-kontijiet kurrenti tal-Kunsill Lokali.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

**06.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Updates mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

**06.4.1.** Ħaddiem ġdid tal-CWS mal-Kunsill Lokali – Matthew Farrugia – is-Sindku nnota li ġiet emendata ir-roster tal-knis u issa anke qed induru t-toroq prinċipali. Jean Paul Portelli staqsa jekk din għandiex tiġi pubblikata u kien hemm qbil li din tingħata lil Kunsilliera biss għal raġunijiet ovvji. Il-Viċi Sindku faħħar ħafna l-indafa pubblika fin-Nadur.

**06.4.2.** Ħidmietna f'Isimkom – il-fuljett tqassam u jidher li ntlaqa' tajjeb ħafna. Is-Sindku nnota ħafna messaġġi minn persuni differenti. Il-Viċi Sindku qal li dan kien fost l-isbaħ li qatt ġie ppublikat.

**06.4.3.** Baveno ma' Dar Franġisk Grima – din kienet mawra sabiħa fejn mill-ġdid rajna ospitalita mill-aqwa ta' ħutna ta' Baveno fejn anke offrew ikla lil grupp fost l-oħrajn.

**06.4.4.** Safe Kunsill – dan twaħħal u beda jintuża.

**06.4.5.** Għar tal-Mixta – għadna bla risposta minn naħa tal-MGOZ.

**06.4.6.** Contracts Manager – is-Segretarju Eżekuttiv spjegat l-aħħar żviluppi u kien hemm qbil li għalissa jibqa' kollox kif inhu.

**06.4.7.** Kerbside Truck – dan beda jopera. Is-Sindku nnota t-talba (complaint) tar-resident Pierre Cauchi dwar dan u kien hemm qbil li din tiġi diskussa bħala parti mill-agenda tal-laqgħa li jmiss.

**06.4.8.** LESA Funding- Ġie applikat kors ta' fitness ma' Radu Gheorghe u dan ġie approvat.

**06.4.9.** Siġra perikoluża fi Triq il-Qala – jidher li ser jiġi approvat li tinbidel ma' ċipressa u għaxar siġar oħra Xurdin.

**06.4.10.** Eden Network – kellna visit oħra u din id-darba ħadnihom il-Knisja, Mużew Marittimu, Maxokk Bakery u Ta' Kenuna.

**06.4.11.** Song Festival 2019 – is-Sindku rringrazzja lil Viċi Sindku li attenda f'isem il-Kunsill Lokali.

**06.4.12.** Sinjali sofor fi Triq Grunju – is-Sindku ppreżenta s-suġġerimenti ta' TM u dawn ġew milquha. Ġie issuġġerit li jeħlu cat eyes mal-isleeping policeman ta' Triq Grunju.

**06.4.13.** Torba u użu ta' Romblu fi Trejqa fi Triq Għajn Qasab – lest.

**06.4.14.** Sar qtugħ ħaxix u żbir ta' dawn: Tal-Ħali, ta' Ħida, Ċentru, Ġnien Kenuna żbir, Ġebel l-Aħmar, Passaġġi Vnuta, San Koronatu u Playing Field tal-Ħali. Il-Viċi Sindku talab naraw nistgħux niżbru siġar ta' ħdejn Ċimiterju Kenuna.

**06.4.15.** Ġnien Kunsill – inqalgħu xi bankijiet sabiex jitranġaw minn George Grech u jinżebhu minn Joseph Cauchi.

**06.4.16.** Maintenance Kunsill – inqalgħu purtieri sabiex isiru ġodda minn Joanne Xuereb. Ix-xogħol fuq l-aperturi għadu ma bediex.

**06.4.17.** Siġar Area Xurdin – saret tindifa tajba minn Chris Cardona u issa qed issir maintenance regolari, inkluż użu ta' fertilisers.

**06.4.18.** Bankina fi Triq Sopu – din tranġat biex tneħħa periklu.

**06.4.19.** Kanna f'Kantuniera fi Triq il-Kappillan – din lesta.

**06.4.20.** Patching – saru xi ftit toroq pero kuntrattur ma hux qed jagħtina.

**06.4.21.** Bus Parking fi Triq Tiġrija – dan sar ħdejn skola u anke tlabna għal żbir ta' siġar.

**06.4.22.** Rigward talbiet mill-Viċi Sindku, applikajna għal bozza fi Triq Kenuna, għadna bla risposta minn Eco Gozo dwar culverts Binġemma, u anke inbena ħajt fil-passaġġ ta' Wied Binġemma u l'quddiem ser isir ieħor ħdejh.

- Pendenti: Sement Triq Rabat, Patch Triq Knisja, Bankina Triq Duru, Dawl fil-passaġġ Kenuna (qed niċċekjaw), u Ħajt Daħlet Qorrot.

**06.4.23.** Rigward talbiet minn Jean Paul Portelli, inbidel il-fanal ta' Xandriku, inqata' ħaxix ta' passaġġ Ghajn Qasab, u saret żabra tajba fil-playing field ta' Xandriku.

- Pendenti: Electrician biex jiċċekja pompa tal-ġibjun.

**06.4.24.** Rigward talbiet minn Joseph Vella, floodlight ħdejn skola fil-proċess li teħel, cover bozza Triq San Ġwann ukoll ser teħel, bullard fi Triq Majża ser naraw ma TM, bozza fi Triq Tiġrija biex tiċċaqlaq lesta, u talba għal floodlights fi Triq Ramla ma ntlaqetx.

- Pendenti: bankini fi Triq San Gwann, Triq Dun Gwann Camilleri, u bozza fi Triq il-Knisja.

**06.4.25.** Rigward talbiet minn Josef Camilleri, lesti żbir mal-monument Kenuna, u inġabar palm minn tal-Ħali.

**-** Pendenti: rampa fi Triq Xandriku.

**06.5. Korrispondenza.**

| Numru | Dettalji |
|---|---|
| 6399 | Cir AKL 2019/122 - Rapprezentazzjoni b'risq id-Dar tal- Providenza fl-Istitut Kattoliku |
| 6400 | Ufficju tal- Kummissarju ghat- Tfal - il Jum Dinji tat – Tfal – ***Is-Sindku spjega li ser ndaħħlu l-isports day ta' Jum il-Kunsill fil-programm.*** |
| 6401 | Re Inviti - Celebrazzjonijiet Jum Ghawdex 2019 |
| 6402 | Cir AKL 2019/120 Ittra mill-Public Review Board dwar il-Kuntratt tal-Bus Shelters – ***Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li ffirmajna kuntratt mal-AKL.*** |
| 6403 | B'Referenza - Ittra ta' Protest Gudizzjarju ta 356 Holdings Ltd |
| 6404 | PQ 11520 |
| 6405 | Moviment Kerygma - Premju Zaghzugh tas-Sena 2019 |
| 6406 | Ittra minghand Dun Salv Grima rigward Halloween |
| 6407 | Ittra minghand MUSEUM (subien) – ***kien hemm qbil unanimu li nikkollaboraw fil-Milied bl-istess mod u ammont bħas-snin ta' qabel.*** |
| 6408 | Ittra rigward il-Lokalizzjoni tal-Kerb side truck minghand resident |
| 6409 | Seduta Specjali tal-Parlament - Jum Ghawdex 2019 |

- Artiklu mill-gazzetta Opinjoni l-lehen rigward artiklu ta' Dun Salv Grima rigward sigar taz-zebbug. Kien hemm qbil li jingabar iz-zebbug minn Ramla Valley u li nibghatu risposta lil ġurnal.

- Is-Sindku rrefera għal-qbil tal-Kunsill Lokali li jibda l-proċess ta' impjieg ta' handyman u talab approvazzjoni għal fatt li l-Kunsill Lokali għandu biżżejjed fondi sabies iħallas is-salarju ta' Handyman addizzjonal b'mod indefinit. Kien hemm qbil unanimu għal dan.

**06.6. Offerti Pubbliċi.**

Is-Sindku spjega li wara li għalqet l-offerta pubblika relatata mal-proġett tal-Urban Greening, bit-titlu "Tender for the Provision and Planting of Trees and Plants using Environmentally Friendly Materials and Practices", intefgħet offerta waħda ta Xerri's Landscaping Co. Ltd, għal €24,993.19 mingħajr VAT. Il-Bord ta' Evalwazzjoni rrakkomanda din l-offerta wara xi kjarifiċi. Il-Kunsill Lokali approva unanimament din l-offerta. Jean Paul Portelli offra li hu jkun lest jattendi meta isiru site visits u maintenance.

**06.7. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali.**

**06.7.1. Halloween:**

Is-Sindku talab lil Kunsilliera jagħmlu post-mortem tal-attivita li fi kliemu kienet success kbir. Joseph Vella qal li minkejja xettiċiżmu, jinsab ċert li aħna kuntenti bl-attivita u l-fatt li għenna lil Puttinu tħalli effett posittiv ħafna. Il-Viċi Sindku qal li l-programm kien sabiħ ħafna speċjalment fil-parti tal-bidu tat-tfal, u li jidher li l-bands x'hin bdew in-nies bdew jitilqu u li fl-opinjoni tiegħu dan għandu jibqa għat-tfal biss. Skond Jean Paul Portelli l-event kien mill-aqwa u verament indirizzat għat-tfal kollha. Jidher li l-Ministru ħadet gost meta attendiet u anke tixtieq li nkabbruha.

**06.7.2. Skema Librerija:**

Is-Sindku spjega li din ġiet aċċettata u talab lil Joseph Vella sabiex ifassal il-programm fuq qbil tal-Kunsill li din issir f'Jannar 2019. Dan għandu jersaq quddiem Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

**06.7.3. Jum il-Kunsill 2019:**

Is-Sindku reġa spjega numru ta' attivitajiet:

- Kunċert u Pontifikal San Koronatu – talab lil kulħadd jara min se jattendi.
- Clean Up – ser jattendu studenti tal-Year 6 u Nadur Nadif u ser issir Daħlet Qorrot.
- Ħarġa Anzjani – issetjata u qegħdin diġa madwar 43 ruħ.
- Sports Day Museum – kollox issetjat.
- Quddiesa u Serata Ġieħ Nadur – l-inviti ser jintbgħatu u esibizzjoni kważi lesta. Iċ-ċertifikati lesti u mużika ser jieħdu ħsieb Steve Buttigieg u Rebecca Bonello. Mark Azzopardi se jippreżenta.
- Open Day – se jitqassam flyer f'kull dar u ser isiru esibizzjonijiet minn diversi artisti.
- Triangular Tournament – ser nordnaw tazzi u midalji.
- Kien hemm qbil unanimu fuq dan kollu.

**06.7.4. Charter Tisno - Libraries:**

Is-Sindku spjega li Mark Azzopardi u Lina Mifsud attendew għal dan ic-Charter u kellhom esperjenza mill-isbaħ. Dan huwa proġett li jixtieqġu li jitkompla sena oħra. Wara diskussjoni magħhom jidher li nistgħu naqbdu t-tema ta' Bridges Connecting History u niftħu għal diversi pajjiżi. Hawnhekk qamet diskussjoni bejn il-kunsilliera fejn qablu li ma naqbżux għoxrin ruħ, lodging ikun b'xejn, nagħmlu programm b'persuni minn Nadur, ikel inġibu sponsors, u l-Viċi Sindku jieħu ħsieb jorganizza. Is-Sindku ser jieħu ħsieb ikellem lil ta' Tisno dwar l-interess tagħna li norganizzaw konferenza f'Novembru 2020.

**06.7.5. Milied:**

Is-Sindku spjega li l-kwotazzjoni tad-dawl se toħrog daqt u dis-sena se tinkludi xi ħaga ġdida u differenti fil-Pjazza. Wara diskussjoni dwar il-Monti, kien hemm qbil li ma isirx aktar monti fil-festi tal-kunċizzjoni jew repubblika, u li din is-sena jitħassru dawk tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena peress li ser jaħbtu l-Erbgħa. Rigward l-attivita ta' Santa Claus, is-Sindku spjega li Paul Mercieca qed jaħdem fuq ir-reklam, u spjega l-ideja li Santa Claus jidher minn fuq il-bjut qabel joħrog mil-kamra. Jean Paul Portelli ser jiċċekja dwar il-possibilita li jkollna ċerva ta' vera waqt l-attivita. Is-Sindku spjega li ser nkabbru Santa's House u ser inżidu lil Mrs. Claus u aktar Elves. Kien hemm qbil unanimu wkoll li din is-sena naħdmu b'Buzzy Kids Entertainment għal inflatables u karattri tal-Milied. Kien hemm qbil

ukoll li ssir b'riżq il-MCCF. Joseph Vella talab lis-Sindku jitkellem mas-Segretarjat Parlamentari sabiex naraw nistgħux inġibu sponsor. Il-Viċi Sindku talab sabiex naraw insibux xi carousel. Kien hemm ideat oħra bħal gingerbread kbira u ħelu minn kumpanija fin-Nadur.

**06.7.6. Video Charter:**

Is-Sindku spjega li jrid isir video ta' awgurju u kien hemm qbil li din is-sena isir fil-Museum tas-Subien.

**06.7.7. Attivita Librerija Milied:**

Is-Sindku talab lil Joseph Vella sabiex jikkordina dwar l-attivita tas-7 ta' Diċembru fil-Librerija.

**06.7.8. Rigal lil Volontiera:**

Kien hemm qbil li jinxtara rigal ta' ringrazzjament lil volontiera tal-Kunsill Lokali f'forma ta' hamper żgħir.

**06.7.9. AED Installation:**

Ġie mgħoddi d-dawl għal din l-installazzjoni li ser issir fil-ġranet li ġejjin.

**06.7.10. Sotto-Kumitat Karnival:**

Is-Sindku spjega li wasal iż-żmien li nwaqqfuh u ssemmew dawn l-ismijiet: Raymond Vella (chairperson), Matthias Mercieca, Paul Mercieca, Joe Chircop, Peter Muscat, Pietru Muscat, Daniela Buttigieg, Antonia Portelli, Grace Portelli, Charles Said, Peter u Ines Buttigieg, Andrew Muscat, Annette Portelli Said, Rupert Grech, Peter Demanuele, Sammy Buttigieg, Kristen Camilleri, Robert Farrugia, Anton Said, Mario Mercieca, Megan Portelli, Joseph Azzopardi, Lina Cassar, George Camilleri, Sabrina Muscat, Marc Finger, Jason Formosa, Michael Camilleri, Owen Bugeja, Semira Grech, Daphne Cassar, Rachel Portelli, Kylie Pace, Kenneth Portelli. Il-Viċi Sindku talab sabiex min ma jattendix ma nibqgħux

ninfurmawh sabiex imbagħad fl-aħħar ma ikollniex taħwid. Kien hemm qbil unanimu dwar dan kollu.

**06.7.11. Inhobbok Event 2020:**

Is-Sindku wera x-xewqa li nippartecipaw f'din l-inizzjattiva u kien hemm qbil li ssir attivita fid-Day Centre tal-Anzjani u tieħu ħsieb Lina Mifsud. Ser isir kuntatt.

**06.7.12. Ġemellaġġi 2020:**

Is-Sindku spjega li s-sena 2020 ser tfakkar l-20 sena anniversarju tal-Ġemellaġġ ma' Cicciano u allura bilfors trid issir xi ħaga sew għal dan. Qamet diskussjoni fuq liema l-aħjar żmien biex nieħdu grupp pero s-Sindku ser jiċċekja ma' ta' Cicciano. Is-Sindku ser jiddiskuti fid-dettall mal-Viċi Sindku dwar inizzjattivi oħra tal-ġemellaġġi.

**06.7.13. Ħbiberija ma' Ħad Dingli:**

Is-Sindku informa lil Kunsilliera li fl-aħħar xhur kien hemm diskussjoni mas-Sindku ta' Ħad Dingli sabiex tinbet ħbiberija formali bejn iż-żewġ kunsilli li fost l-oħrajn huma t-tnejn rurali, rħula żgħar u pittoreski, jorganizzaw wirja agrarja u jistgħu isiru inizzjattivi relatati ma biedja, snajja, sports u aktar. Wara diskussjoni kien hemm qbil li nifformalizzaw din il-ħbiberija li ma' tiswa xejn lil Kunsill għajr aktar opportunitajiet għan-nies tagħna.

**06.7.14. Attivitajiet mal-Iskola Primarja:**

Is-Sindku talab lil Kunsill Lokali japprova t-talba tal-iskola sabiex fid-19 ta' Diċembru, waqt Fun Day, nassistu u nikkollaboraw u nipprovdu logħob għat-tfal. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-Sindku, fuq nota oħra, spjega kif l-iskola jixtiequ li matul is-sena issir attivita differenti għal kull eta, li tinvolvi informazzjoni dwar il-Kunsill u n-Nadur. Kien hemm qbil li Joseph Vella jaħdem fuq dan il-programm u iqajjem diskussjoni waqt il-laqgħa li jmiss.

**06.7.15. Inizzjattivi Oħra:**

- Joseph Vella talab sabiex il-laqgħa li jmiss niddiskutu l-attivita tat-tfal tal-Imnarja fid-dettall u kif nistgħu indaħħlu sens aktar relatat mal-patruni waqt l-attivita. Kien hemm qbil dwar li tiġi diskussa u tkun parti mill-agenda.
- Il-Viċi Sindku talab li fl-agenda li jmiss tidħol id-Day Centre tat-Tfal. Kien hemm qbil dwar dan.
- Jean Paul Portelli intalab jaħdem sabiex fl-2020 issir attivita li tinvolvi car show u show tal-għasafar, u sabiex fil-Wirja Agrarja ikollna show tal-klieb.

## 06.8. Żviluppi dwar Proġetti u Xogħolijiet Oħra.

### 06.8.1: Żviluppi:

- Inbena ħajt taħt Triq San Blas u issa waqa ieħor ħdejh li se jinbena bis-sejjieħ u konkos. Kien hemm qbil dwar dan.

- Iridu jitranġaw il-fanali msaddin tal-playing field tal-Ħali. Josef Camilleri ser jgħin. Kien hemm qbil fuq dan.

- Fi Ġnien il-Kunsill sar ħafna xogħol fuq id-dawl peress li ma kienx qed jaħdem, u D Illumination installaw mains ġodda. Issa jidher li issolviet il-problema.

- Fil-Pjazzetta għandu isir festun tad-dawl fiss, pero jista' jkun li jsir fi żmien il-Milied. Kien hemm qbil dwar dan.

### 06.8.2. Pendenti:

- Fossa Ġnien Kunsill, Bus Shelter Pjazza, Ashtray Bins Ċentru, Patch fi Triq Lourdes, Railing Monument FECC.

## 06.9. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.

**06.9.1.** Sindku – Talba mid-Day Centre tal-Anzjani sabiex Nancy Portelli tibda tgħin bi ħlas bħal l-oħrajn u dan peress li issa n-numru ta' anzjani qabeż is-70 ruħ. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**06.9.2.** Sindku – Bankina issir mill-ġdid fi Triq ta' Said kantuniera ma Triq San Gwann – qbil unanimu.

**06.9.3.** Sindku – Bozza ġdida tiġi installata fi Triq Rabat qabel titla Triq Tarġa, u oħra fi Triq Ħanaq qrib tal-Mekrens Bakery – qbil unanimu.

**06.9.4.** Sindku – Mirja ġodda fi Triq Rabat, Triq Plier, Triq Uqija u Triq Grunju – qbil unamimu.

**06.9.5.** Sindku – Sinjali sofor maġenb garage fi Triq Duru – qbil unanimu.

**06.9.6.** Sindku – issir kurduna quddiem dar fi Triq Piju Ċellini – qbil unanimu.

**06.9.7.** Viċi Sindku – 1.5metre yellow line ma' garaxxijiet fi Triq Kenuna – qbil unanimu.

**06.9.8.** Viċi Sindku – Rampa biex issirila tarag fin-nofs fi Triq Agius de Soldanis– qbil unanimu.

**06.9.9.** Viċi Sindku – Żbir tas-siġar fi Triq Mġarr – ser nitolbu lil MGOZ.

**06.9.10.** Joseph Vella – Patching fi Triq San Blas – qbil unanimu.

**06.9.11.** Joseph Vella – Jinbidlu xi karti tal-Bus Stops – se ninfurmaw lil TM.

**06.9.12.** Joseph Vella – Bies isir railing flok ċint fi Triq Xurdin – ma kienx hemm qbil li jsir għax joħloq preċedent.

**06.9.13.** Joseph Vella – Complaint rigward xi ilma li kien qed jintuża waqt Day Centre – se nitkellmu mal-Koordinatur.

**06.9.14.** Joseph Vella – Bozza ġdida fi Triq Girgor Buttigieg – Is-Sindku ser jara jekk hux vera hemm bżonn peress li għada kif ġiet installata oħra.

**06.9.15.** Joseph Vella – Talab nikkunsidraw il'quddiem possibilita ta' Basketball Net f'xi wieħed mill-areas.

**06.9.16.** Jean Paul Portelli – Jinqata' ħaxix ħażin tal-monument FECC – ser isir.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**06.9.17.** Jean Paul Portelli – Talba sabiex jitnaddaf żrar fi Triq Vnuta – ma kienx hemm qbil peress li jerġa jiġi eżatt kif kien wara ftit.

**06.9.18.** Jean Paul Portelli – Inżidu ġebel fuq ċint fi Triq Daħlet Qorrot – qbil unanimu.

**06.9.19.** Jean Paul Portelli – Talba għal bozza fi Triq Għajn Qasab ma Triq Ramla – ma kienx hemm qbil dwar dan.

**06.9.20.** Jean Paul Portelli – talba biex isir xi sement fi Triq Emigranti – ser naraw li Perit jagħtina stima u nibagħtuha lil MGOZ.

**06.9.21.** Josef Camilleri – 1.5m yellow line maġenb garage fi Triq Diċembru 13 – qbil unanimu.

**06.9.22.** Josef Camilleri – Titranġa rampa tas-sement fi Triq Grunju – qbil unanimu.

**06.9.23.** Josef Camilleri – Jimtlew ħofor kbar fi Triq Buskett – ser naraw x'hemm eżatt.

**06.9.24.** Josef Camilleri – Żbir tas-siġar ta' Wied Riħan – ser isiru.

**06.9.25.** Josef Camilleri – Jinqalgħu il-palm marid ta' Ġnien il-Kunsill – qbil unanimu.

**06.9.26.** Josef Camilleri – Sement taħt bankina fi Triq Xandriku – qbil unanimu.

**06.9.27.** Josef Camilleri – Sement taħt bankina fi Triq FS Sciortino – qbil unanimu.

**06.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:00p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 3 ta' Diċembru, 2019 fil-5:30pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva